**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Yurgen Gauci**

**Kumpilazzjoni Numru:1137/14**

**Illum, 3 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Yurgen Gauci detentur tal-karta tal-identita` numru 279392M akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 t'Ottubru 2014 ghall-habta ta' l-22:15 ta' filghaxija, gewwa Haz-Zebbug (Malta);

- ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta' Francis Bugeja, liema offizi jitqiesu li huma gravi skond kif iccertifika Dr. Paul Zammit M.D. liema offizi gew maghmula b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez;

- U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta' Wendy Gauci, ohtu, liema offizi jitqiesu li huma hfief, skont kif iccertifika Dr. David Fenech M.D.;

- Barra min dan, l-imputat Yurgen Gauci gie akkuzat talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artiklu 412 (C) fejn tipprojibixxi lill-imputat milli javvicina lil Francis Bugeja u lil Wendy Gauci u r-residenzi taghhom kif ukoll il-post li t-tali persuni jiffrekwentaw.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat feriti gravi fuq Francis Bugeja u allegat feriti hfief fuq oht l-imputat Wendy Gauci bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) gewwa Haz-Zebbug.

Illi x-xhieda ta' l-**Ispettur Kylie Borg** moghtija quddiem din il-Qorti fil-proceduri *Il-Pulizija vs Francis Bugeja et* giet inserita fl-atti odjerni stante li dawn iz-zewg kawzi kienu qed jinstemghu kontestwalment. L-Ufficjal Prosekutur xehdet li l-glieda kollha

bdiet minn certa Wendy. Hija kelmet lil Wendy li qalet li huha (l-imputat), l-gharusa tieghu, ommha u missierha kienu marru ghandha minhabba li kien hemm xi dizgwid dwar it-tifel taghha. Fil-post taghha kien hemm Natasha Bugeja li tigi oht l-gharus ta' Wendy, Francis Bugeja. Wendy qalet lill-Ispettur li Natasha kienet ghamlet telefonata ma tafx lil min u telqet mill-flat. L-Ufficjal prosekutur tkellmet ukoll ma' Diane Cachia (l-gharusa tal-imputat). Diane qaltilha li l-argument spicca hemm u telqu minghand Wendy u rikbu l-vettura taghha u kif kienu ser jitilqu waslet vettura BMW hdejhom b'velocita` fejn spiccat dahlet fil-vettura taghha. Skont Diane Cachia hargu zewg persuni mill-BMW fejn wiehed minnhom (Francis Bugeja) mar fuq Yurgen Gauci mentri l-iehor mar fuq wara tal-BMW u hareg oggett li ddeskrivit bhala nofs qamar bil-manki u bih rat lil dan il-guvni l-iehor jaghti daqqiet fuq dahar l-gharus taghha Yurgen Gauci. Skont ma qalet Diane Cachia kif gara hekk iz-zewgt irgiel telqu bil-mixi u l-mara li kienet maghhom dahlet fil-karozza u saqet warajhom. Dak il-hin rat lill-imputat mal-art u bdiet tghajjat lil Wendy li kienet fil-gallarija sabiex iccempel ambulanza li da parti taghha ma riditx iccempel. L-Ispettur tkompli tghid li hadet il-verzjoni tal-parte civile Francis Bugeja fejn qal li kien huwa l-vittma f'dan l-

incident. Francis Bugeja qal li l-imputat tah daqqiet f'idejh b'turnavit. Qal li l-imputat resaq vicin tieghu, imbuttaw lil xulxin imbaghad Yurgen Gauci tah xi daqqiet bit-turnavit. Francis Bugeja qal li ma kienx jaf kif l-imputat spicca b'daqqiet f'ghonqu u f'dahru. Francis Bugeja kkonferma li hu flimkien ma' huh, Tyson Bugeja, u ommu kienu fil-BMW. Mill-investigazzjonijiet tal-Ispettur u mill-persuni kollha li hija tkellmet l-istess Spettur qalet li Francis Bugeja biss semma' turnavit. L-Ispettur tkompli tixhed li "L-unika arma li ssemmiet minn kulhadd hija arma li jigi qisu nofs tond bil-manki, liema arma ma nstabitx." L-Ispettur qalet ukoll li tkellmet ma' Tyson Bugeja li nnega li kien fil-BMW ma' huh u qal li ma kien jaf xejn fuq il-glieda li kienet sehhet gewwa Haz-Zebbug peress li kien qed jara l-loghba tat-Taljani.

L-Ispettur Kylie Borg ipprezentat tlett certifikati medici (KB3- KB5) kif ukoll zewg stqarrijiet tal-imputat. Mid-dokument KB3 jirrizulta li nhar l-14 ta' Ottubru 2014 giet ezaminata Wendy Gauci mit-tabib Dr. David Fenech M.D. fejn il-griehi li sofriet gew kostatati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet. Mid-dokument KB4 u KB5 jirrizulta li Francis Bugeja sofra minn "*stab wound to the wrist*"

fejn il-griehi gew kostatati mit-tabib Dr. Paul Zammit M.D. bhala gravi.

Illi fl-istqarrija tieghu (Dok. KB7 u KB8) l-imputat stqarr li hu flimkien ma' ommu, missieru u l-gharusa tieghu marru ghand ohtu (Wendy Gauci) sabiex taghtihom it-tifel taghha peress li skont l-istess imputat mhuwiex sewwa li t-tifel jorqod go kamra wahdu biex ikun jista' jorqod ragel iehor m'ohtu. Jghid li qabel ma marru ghand ohtu sab lil ommu tibki d-dar ghax Wendy kienet tellghet ritratt fuq *facebook* titbewwes ma' Francis Bugeja u li skont ommu ma kienx sew li jithaltu ma' nies bhal dawk. L-imputat qal li meta dahlu ghand ohtu qalilha li ma kinux ser jiehdu t-tifel taghha izda gew biex jiddiskutu x'inhu tajjeb ghat-tifel. Fl-appartament kien hemm Natasha Bugeja u dak il-hin l-imputat qalilha biex titlaq 'l barra. Jghid li mbaghad ommu u Wendy Gauci gew fl-idejn u meta Wendy wadbet siggu lejhom telqu 'l barra. Rikbu fil-vettura tal-gharusa tieghu fejn fil-pront innutaw vettura tat-tip BMW gejja b'velocita` fid-direzzjoni taghhom li baqghet diehla fil-*mudguard* tal-vettura tal-gharusa tal-imputat. Ikompli jghid li hu u missieru nizlu mill-vettura biex jaraw x'gara fejn l-imputat ra lil Francis Bugeja, lil Tyson Bugeja u

mara li spiccat tat daqqa lil missier l-imputat b'tazza tal-hgieg. L-imputat stqarr li Francis Bugeja hareg arma bil-ponta u taha lil Tyson Bugeja. L-imputat qal li Francis Bugeja l-ewwel imbuttah imbaghad tah daqqa ta' ponn go mniehru u Tyson Bugeja li gie minn warajh tah daqqa go ghonqu u ohra go dahru b'din l-arma. Wara din il-mara saqet il-vettura u telqu. Mistoqsi dwar il-griehi li sofra Francis Bugeja f'idejh l-imputat qal: "Ma nafx; jien zgur li le; jekk m'ghamilhomx hu stess!" Mistoqsi jekk lil ohtu missha b'xi mod qal li le. Mistoqsi fit-tieni stqarrija kif jispjega li ohtu mimlija griehi jghid li ma jafx.

Dwar l-arma l-imputat jghid li ma jafx x'kienet ghax ma rahiex izda jghid li bilfors kienet bil-ponta ghax kieku ma kienx jidhol 2cms go dahru. Mistoqsi jekk hareg arma bhal sikkina jew turnavit mill-karozza tal-gharusa tieghu jghid li le u li l-gharusa tieghu ma zzomx dawk l-affarijiet fil-vettura taghha. Meta rega' gie mistoqsi dwar il-griehi ta' Francis Bugeja qal: "Mhux se nghidlek li naf la ma nafx. Jien ma kellix armi, ma stajtx inwegghu b'xejn." L-imputat jghid ukoll li Francis u Tyson Bugeja qatt ma kien iltaqa' maghhom qabel izda kien jaf min huma minn *facebook.*

Illi fis-seduta tad-9 ta' Frar 2015, xehdet oht l-imputat **Wendy Gauci** li qalet li trid twaqqa' kollox u tahfer lill-imputat. Fl-istess seduta l-parte civile Francis Bugeja ddikjara li qed jahfer lill-imputat Yurgen Gauci u ghalhekk qed jirtira dak kollu li huwa rtirabbli. Francis Bugeja fil-fatt ma xehedx fil-proceduri kontra l-imputat. Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2015 il-parte civile (Francis Bugeja u Wendy Gauci) regghu kkonfermaw li hafru lill-imputat u regghu ddikjaraw li mhux ser jixhdu fil-konfront tieghu.

Illi xehdet l-esperta **Dr. Marisa Cassar**, li kienet giet mahtura mill-Qorti sabiex taghmel analizi tad-DNA fuq il-kampjuni mghoddija lilha, fejn ipprezentat ir-relazzjoni taghha (Dok. MC1).

Xehed **PS 362 Wayne Borg** li stqarr li nhar it-13 t'Ottubru 2014 kien mar fuq il-post tal-incident ma' membri tal-RIU fejn sabu persuna li kellu qata' f'idejh fejn cemplu l-ambulanza u din il-persuna telqet minn fuq il-post. Iktar 'il gewwa x-xhud jghid li sab lill-imputat u lil missieru mal-art. L-imputat, li kien wiccu 'l isfel, kellu ferita go dahru u kellu ammont ta' demm. Stqarr li l-imputat qalilhom li gie aggredit minn persuni maskili. Ix-xhud ikkonferma r-rapport li hejja u li gie esebit bhala Dok. KB9.

Illi xehed l-espert **Dr. Mario Scerri** li kien ezamina lill-imputat u lil Francis Bugeja. Mir-relazzjoni tal-espert (Dok. MS1) jirrizulta li l-imputat kellu nefha fuq l-imnieher u lezjoni fuq dahru liema lezjonijiet gew klassifikati bhala ta' natura hafifa mentri Francis Bugeja qala' daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta fejn kellu incizjoni fuq il-polz tal-id ix-xellugija u *cut tendon* liema ferita skont l-istess espert hija ta' natura gravi *per durata*.

Xehdu **PS404 Paul Camilleri** u **PC1331 Darren Debattista** li esebew ir-relazzjoni taghhom (Dok. PC1). Minn din ir-relazzjoni l-Qorti nnutat li fuq il-post saret tficcija ghal xi arma li setghet intuzat izda tali tficcija kienet fin-negattiv.

Xehed ukoll il-**Perit Valerio Schembri** li esebixxa r-rapport tieghu (Dok. VS1) fejn hejja pjanta tal-akkwati tat-triq fejn sehh l-incident inkwistjoni.

Illi l-Ufficjal Prosekutur esebit zewg sentenzi inkwantu tal-addebitu tar-recidiva (Dok. KB11 u KB12).

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Frar 2017 id-difiza ddikjarat li m'ghandhiex provi x'tipproduci.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat.

Illi l-Qorti tinnota li l-parte civile f'dawn il-proceduri u cioe` Francis Bugeja u Wendy Gauci ma xehdux fil-konfront tal-imputat u sahansitra ddikjaraw li qeghdin jahfru lill-imputat. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-prova regina f'dawn il-proceduri hija mankanti.

Illi ghalhekk il-kwistjoni tibqa' jekk fil-fatt din il-Qorti ghandhiex bizzejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre d-dubju ragjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputat, u dan kien punt imqajjem mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li m'hemmx provi bizzejjed sabiex issib htija u dan stante li ma hemmx provi dwar id-dinamika tal-incident.

Illi fid-dawl ta' dan il-Qorti ser tqis il-provi cirkostanzjali li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-kaz taghhom.

Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu il-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali f'numru ta' decizjonijiet.

Fil-kawza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et</u> deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dsatax (19) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) intqal li:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Fil-kawza bl-ismijiet **<u>ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita'*

*taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

Fil-kawza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija v Paul Grech**</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

*"Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija v James Abela**</u> deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res*

*ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact”....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun*

*sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' u qal is-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall.*

*It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together*

*may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .”*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b’sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta’ evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f’certi kazijiet, jista’ jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Fil-kaz odjern il-provi cirkostanzjali jikkonsistu fix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, fic-certikati medici esebiti mill-istess Ufficjal Prosekutur, fl-istqarrija tal-imputat u fir-rapporti peritali esebiti mill-esperti nominati mill-Qorti.

Illi fl-ewwel lok jinghad li r-rapporti esebiti mill-esperti ma jixhtu l-ebda dawl fuq x'gara ezattament fil-lejl ta' bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) t'Ottubru elfejn u erbatax (2014). Huma biss l-istqarrija tal-imputat u x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur li jitfghu dawl fuq id-dinamika tal-glieda li sehhet dak il-lejl gewwa Haz-Zebbug.

Illi l-Qorti tirrimarka li dak li xehdet l-Ispettur Kylie Borg huwa kollu *detto del detto* u di fatti hija xehdet biss fuq dak li qalula Wendy Gauci, Diane Cachia, Francis Bugeja u Tyson Bugeja. Minkejja dan il-Qorti xorta wahda tinnota minn din ix-xhieda li kien biss Francis Gauci li kien semma' li l-imputat kellu turnavit u li hu Francis Bugeja, Tyson Bugeja, li kien ikun xhud importanti biex jissostanzja dak li allegatament gara lil huh dak il-lejl bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) t'Ottubru elfejn u erbatax (2014), qal lill-Ispettur li ma kienx ma' huh izda kien qed jara l-loghba tat-Taljani.

Illi mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta li huwa, ghalkemm mistoqsi diversi drabi, baqa' jghid li ma jafx kif Francis Bugeja

garrab griehi u li hu ma attakkahx lil Francis Bugeja u lanqas ma mess lil ohtu Wendy Gauci.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-ebda arma ma nstabet fuq il-post u dan skont ir-rapport tal-espert PC1331 Darren Debattista.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll li ghalkemm gew ipprezentati c-certifikati medici dwar il-griehi sofferti mill-parte civile dawn ma gewx ikkonfermati bil-gurament mit-tobba koncernanti u ghaldaqstant l-istess griehi ma gewx ippruvati skont il-grad rikjest mil-Ligi.

Wara li l-Qorti ezaminat kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri odjerni tqis li l-provi cirkostanzjali prodotti mill-Prosekuzzjoni m'ghandhom l-ebda valur probatorju u ghalhekk l-istess provi ma jwasslux lill-gudikant biex ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta` tal-imputat.

Illi minkejja li gew prodotti provi cirkostanzjali mill-Ufficjal Prosekutur ghandu jinghad illi l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex

tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi u ghalhekk gjaladarba ma gewx ippruvati l-ewwel u t-tieni akkuzi l-Qorti ma tistax tiehu inkonsiderazzjoni r-recidiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Yurgen Gauci hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**